# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Rokku Formosa

Illum 25 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Rokku Formosa, bin Carmelo u Luigia nee Fenech imwieled fil-09/02/1949 u joqghod 66, Medison, Triq l-Arcipriet E. Mifsud, Zurrieq, ID 60149M.

Billi int akkuzat talli fit-22 ta' Frar, 2022 ghall-habta ta' 09.20 hrs fi Triq ir-Rixtellu, Luqa, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni BCP 273.

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta'

Clayton Cauchi li gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artiklu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. J. Debattista Grech MD mill-MDH.

2. Talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
3. Talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) (3) tal Kap 65 u Artikolu 226(1)(a) (b) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet x-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Clayton Cauchi,** xehed hekk

Pros: Sur Cauchi inti kellek xi incident kienu involuti xi pulizija?

Xhud: Ijja.

Pros: Tghidilna meta fejn gara l-incident?

Xhud: L-incident kien triq ir-Rixtellu Hal-Luqa id-data 22/2/2022 kont qieghed nitkellem mal-klijent jien nahdem ma tat-Towing kont qed nitkellem ma klijent ghadda das-sinjur dar u laqatni bil-vann.

Pros: Mal-liema naha igifieri inti kont qieghed hdejn it-Tow truck?

Xhud: Le jien kont hdejn il-karozza tal-klijent.

Pros: Mal-liem kont naha tat-triq jew man-naha l-ohra?

Xhud: Man-naha tat-triq.

Pros: Issa tal-karozza tarfu sinjur hawnekk?

Xhud: Iva mela hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Mal-liema naha hbatt man-naha ta quddiem jew ma wara?

Xhud: Le jien qabadni bit-tyre.

Qorti: Kien gej minn warajk?

Xhud: Iva.

Qorti: Dik one way jew two way?

Xhud: Two way minghalija dik.

Qorti: Igifeiri inti dak kont qed titowwjah jew ha tibda tittowjah?

Xhud: Ha nibda biex mittowjah.

Qorti: U l-akrozzi fuq l-isketch qed nara il-vettura ECA 759 nassumi li kont qed tittowjah qisha mdawwra dik kienet hekk qabel l-incident jew konsegwenza tal-incident?

Xhud: Le kienet hekk qabel l-incident.

Qorti: Il-Qorti uriet skizz tal-pulizija lix-xhud.

Pros: Konsegwenza ta dan l-incident x`garalek sinjur inti?

Xhud: Ghamilt xahrejn barra mix-xoghol b`saqajja miksura.

Qorti: Inti fieqt sinjur?

Xhud: Ijja fieqt.

Qorti: Kontro ezami.

Avu; Iva inti ghedtilna li laqtek f`liema parti tal-gisem laqqtek?

Xhud: F`saqajja minn wara.

Avu; Igifeiri fuq l-gharqub qeghdin nikellmu?

Xhud: Ezatt.

Avu; Dak in-nhar it-traffiku kif kien miexi?

Xhud: Ghaddew sena u nofs ma niftakarx.

Avu: Jekk nghidlek illi kien hemm traffic jam miexi bilmod x`tghid?

Xhud: jista jkun iwa jista jkun le.

Avu; U inti kont fuq it-triq kont qed titkellem mal-bieba qed nifhem sew?

Xhud: Ezatt.

Avu: B`referenza dak li ghedt lil pulizija fuq it-triq inti ghedtilna hekk ta min jghidli l-passiggier ta quddiem tan-naha tal-vettura tar-registrazzjoni giet identifikata kien James Formosa minn naha tieghu stqarr kien hawn waqfien dan weggha lil Clayton Cauchi kien qieghed f`nofs tat-triq jitkellem ma tal-vann naqblu?

Xhud: Ezatt.

Avu: Xejn izjed.

Pros: Ri ezami il-vann li kellek tax-xoghol inti dak tuzaw xi dwal fuqu?

Xhud: Ijja mela.

Pros: Dak in-nhar kellek id-dwal?

Xhud: Ijja.

Pros: Taghmlu xi affarijiet ghandkom xi cone whatever tuzaw xi haga meta tkunu weqfin?

Xhud: Jiddependi is-sitwazzjoni li nkunu qeghdin fiha.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

**James Formosa, xehed hekk**

Pros: Sur Formosa inti rajt xi incident isehh?

Xhud: Le smajnieh x`hin konnha ha nsuqu.

Qorti: Fejn kontu?

Xhud: Fit-trakk.

Qorti: Kont qed issuq int?

Xhud: Le.

Qorti: Min kien qed isuq?

Xhud: Rokku Formosa.

Qorti: Rokku Formosa qed tarfu hawnekk?

Xhud: Ijja,

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Qorti: Igifieri inti kont bilqeghda quddiem hdejh?

Xhud: Iva.

Qorti: Tiftakar fejn kien l-incident?

Xhud: Hal-Luqa.

Qorti: Id-data tiftakarha?

Xhud: Le.

Qorti: X`gara sinjur?

Xhud: Ahna konnha mexjin ha nsuqu it-trakk.

Qorti: Kontu mexjin igifieri kien hemm it-traffiku miexi bilmod kif kien?

Xhud: Kien hemm it-traffiku quddiemna kien hemm vann qieghed fin-nofs issa umbaghad kien imissna naghddu ahna giet karozza minn faccata waqafna umbaghad x`hin ha nergu insuqu smajna l-ghajjat.

Qorti: Igifieri l-incident perse ma rajtux?

Xhud: Le.

Qorti: Meta hrigt sinjur x`sibt?

Xhud: Kien hemm il-persun al-ohra ma l-art.

Qorti: Ma l-art kienet fejn kienet ma l-art?

Xhud: Fejn il-vann li kien hemm wieqaf fin-nofs.

Qorti: Ha nuriek skizz tal-pulizija tghidli piu o meno jekk dik kienetx sitwazzjoni li sibt meta hrigt mit-trakk int?

Xhud: Ijja hekk hu.

Qorti: Il-vann li qed issemmi ECA 759 iccekkja ftit?

Xhud: Ijja hu kien bejniethom ir-ragel.

Qorti: Ghamilli X fejn kien ir-ragel.

Pros: Naghmel referenza ghall-affidavit ta PS 2187 Grech pagna 2 fejn il-verzjoni tas-sur Formosa hija totalment differenti. L-ahhar paragrafu inti lil pulizija hekk ghedtilhom?

Qorti: Inti x`tigi minn Rokku Formosa?

Xhud: In-neputi.

Pros: Lil pulizija mhux hekk ghedtilhom inti.

Xhud: X`ghedtilhom?

Pros: Kien hawn dawn weqfin dan weggha Clayton Cauchi kien qieghed f` nofs tat-triq jitkellem ma tal-vann Sergio Cutajar u ahna ersaqna f`nofs tat-triq taghddi vettura ohra umbaghad ilqattnieh.

Avu: Mhux hekk qal.

Qorti: Le ma qalx li laqqtu.

Avu: Mhux l-istess haga.

Qorti: Intom ilqattuh?

Xhud: Ahna smajnieh jaghjjat ilqatnih ghalekk ghajjat uu.

Pros: Inti ghedt ma li rajtx l-incident?

Xhud: Ma rajtux smajtu.

Pros: Mela kif taf li lqattuh?

Xhud: Ghax x`hin inzilna mit-trakk rajtu kien ma l-art ovvja li lqattnih.

Pros: Fejn rajtu sinjur?

Xhud: Ma l-art.

Pros: U qabel ma ghaddejtu minn hemm ma rajtuhx?

Qorti: Ghamel sinjal fuq l-sketch ghamel red cross.

Xhud: Jiena kont hawnekk pasiggier ftaht il-bieba u rajtu ma l-art.

Pros: U qabel ma ghaddejtu minn hemm ma rajtux?

Xhud: Ma kien hemm hadd.

Pros: Kif jista jkun ma kien hemm hadd?

Xhud: Ma kien hemm hadd fejn il-vann, ahna soqna sakemm kien hemm il-karozza l-ohra umbghad x`hin ha nergu insuqu hu nahseb lahqa mar ikellem dahal bejn il-vann u t-trakk qabel ma kienx hemm persuni ma konniex naqbdu kieku uu.

Pros: Id-dwal tat-Tow truck rajtuh sinjur?

Xhud: Ma kien hemm xejn it-Tow truck li kien bih ma kienx tat-Tow Truck.

Qorti: Igifieri ma kienx hemm sinjal li qed juriek li hu Tow Truck?

Xhud: Le ghax hu ma kienx Tow truck il-vann ma kellux sinjali xejn.

Pros: Ir-ritratti printjati sinjur?

Xhud: Le.

Pros: M`ghandix iktra mistoqsijiet.

Qorti: Komntro Ezami.

Avu: Iddiskrivielna dan it-truck x`kien mela jekk ma kienx Tow Truck?

Xhud: Vann normali.

Avu: Xejn izjed sinjura.

**<u>Rokku Formosa,</u>**xehed hekk **<u>:</u>**

Avu: Spjega il-Qorti dak is-sett ritratti wiehed wiehed minn hadhhom u kif gibthom?

Qorti: Kif gara l-incident?

Avu: Hu diga xehed sinjura biex jezebixxi xi ritratti.

Qorti: X`gara dak in-nhar?

Xhud: Kont ghaddej kien hemm diversion kien hemm ix-xoghlijiet u kont fit-traffic u waqqaft ghax waqaf it-traffic u ta` ma genbi kien hemm vann kienu qed jirmunkawh ghax kien wieqaf kien hemm il-mekkanik mieghu bil-habel ghandi ritratti hawn u ghamel xi kwarta wieqaf nistenna il ta` quddiemi jsuq kif saq ta` quddiemi soqt jien u nisma l-ghajjat ajma ajma ghaddejt minn fuq saqajja u waqqaft mal-ewwel ghax il-vann hassejtu ghax hu ghandu saftey shoes u nizel u waqqaft mal-ewwel ir-ritratt jindika

li waqqaft mal-ewwel ghax il-vann ma genb il-vann u daqsekk.

Qorti: Min hadhom ir-ritratti?

Xhud: Li kien hemm mieghi xehed diga James Formosa.

Pros: Xehed fis-26 ta` Frar 2023.

Avu: Inti bir-rota ta` wara jew b`ta quddiem?

Xhud: Ta` wara kieku b`ta quddiem kieku kont narah jien aqqas rajtu lilu.

Qorti: Mela fejn kien jekk ma rajtux?

Xhud: Kienu qed jirrangaw vann ma genbi rajtu jien u dahhal saqajh bilfors taht ir-rota, dan jew kien taht il-vann u peress li kont wieqaf kellu l-hin jinnavika u ma ndunax li ha nsuq.

PS 2187 J Grech xehed permezz ta' affidavit

T-tabib Jonathan Debattista Grech xehed permezz ta' affidavit

**Ikkunsidrat**

Element krucjali ta' sewqan hu l-element ta "proper lookout". Dan kien nieqes fis-sewqan tal-imputat li kien ra li kien hemm sitwazzjoni

ta’ irmunkar u missu qad aktar attent. Bhekk l-impuata hu hati tal-ewwel (1) u  t-tieni imputazzjoni u mhux hati bit-tielet imputazzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 15(1)(a) (2)(3) tal Kap 65 u Artikolu 226(1)(a) (b)  tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta’ Malta issib lil Rokku Formosa hati tal-ewwel (1) tieni (2) imputazzjonijiet u mhux hati tat-(3) imputazzjoni u tikkundannah komplessivament ghal multa ta’ Ewro erba’ telef sitt mija tmienja u hamsin (4658 ) sitt (6) punti fuq il-licenzji tieghu kollha tas-sewqan u skwalifika mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien tletin (30) gurnata.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**